MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 5/2004/1

**Brian Vella**

**v.**

**Avukat Generali tar-Repubblika,**
**Registratur tal-Qorti u**
**Kummissarju tal-Pulizija.**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell interpost minn Brian Vella minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi fl-24 ta' Novembru 2004, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li ddikjarat li r-Registratur tal-Qorti ma kienx legittimu kontradittur u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra r-rikorrent, laqghet it-tielet eccezzjoni tal-intimati u cahdet it-talba [recte: talbiet] tar-rikorrent fil-meritu, spejjez bla taxxa.

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza ma hemmx verament kontestazzjoni dwarhom. Brian Vella kien akkuzat quddiem il-Qorti Kriminali fl-ewwel Kap tal-Att ta' Akkuza (4/2003) b'serq kwalifikat, fost aggravji ohra, b'omicidju volontarju, u b'zewg Kapi separati ohra ta' omicidju volontarju. Skond l-imsemmi Att ta' Akkuza jinghad li involuti f'dawn id-delitti kien hemm persuni ohra, fosthom certu Domenic Bonnici.

Il-guri beda jinstema' fit-2 ta' Frar 2004 quddiem il-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono. Fit-3 ta' Frar 2004 tela' jixhed il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo, li kien ukoll wiehed mill-ufficjali li kien investiga l-kaz. Fi kliem ir-rikors promotur:
**"Illi waqt li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija beda jirrakkonta x'qallu Bonnici id-difiza tal-esponent oggezzjonat ghal tali xiehda u dan peress li dak li rrakkonta haddiehor lil xhud kien jikkostitwixxi *'hearsay evidence'* u ghalhekk ma kienx ammissibbli bhala prova. Illi nonostante l-oggezzjoni tad-difiza, il-Qorti Kriminali kif presjeduta ghazlet li minflok twaqqaf ix-xhud u tordnalu jixhed biss fuq fatti li jaf huwa, l-istess Gudikant indirizza lill-gurati u qalilhom *"…mela dak li qal is-Sur Rizzo, li qallu xi hadd iehor anke jekk mhux Duminku Bonnici, xi hadd iehor, jekk ma jigix dak il-haddiehor u jghidu hawn tibqa' in arja din u ma tkunx prova…difatti fejn kien ser jghid xi haga li mhux ser jghidilna minn qalilu lanqas biss hallejtu jghidha, dak zgur li mhux gej jghidha hawn allura zgur li ma nistax inhalliha. F'dan il-kaz qed jghidilna min qalilu, tajjeb tibqa' hearsay in suspense jekk imbaghad 'l quddiem wiehed irid jikkontrolla lil***

***Duminku imbaghad wiehed jara meta naslu ghal dak l-istadju".***

Aktar tard f'dik l-istess gurnata, meta deher li l-prosekuzzjoni kienet ser tipproduci bhala xhud lil Domenic Bonnici, id-difiza oggezzjonat ghall-produzzjoni tieghu (ara fol. 1278 tal-atti) peress li sostniet li, galadarba l-kaz kontra tieghu kien ghadu *sub judice* quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, huwa kien ko-akkuzat u ghalhekk inammissibbli bhala xhud skond il-gurisprudenza tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali li interpretat l-Arikolu 636(b) tal-Kodici Kriminali.

B'digriet moghti l-ghada, 4 ta' Frar 2004, il-Qorti Kriminali laqghet l-oggezzjoni tad-difiza, pero` fl-istess hin xoljiet il-guri. Ikun opportun f'dana l-istadju li tigi riprodotta l-parti relevanti tal-imsemmi <u>digriet</u> (fol. 1493, 1494):

**"Illi hu minnu li eccezzjoni dwar l-ammissibilita` ta' provi skond l-Artikolu 438(2)(i) tal-Kodici Kriminali imissha inghatat 'in limine litis' kif issottomettiet il-Prosekuzzjoni u cioe` man-nota li l-akkuzat irid jippresenta fir-registru tal-Qorti mhux aktar tard minn hmistax-il jum tax-xoghol min-notifika lili tal-Att ta' Akkuza u li jekk dan ma jsirx u tinghata eccezzjoni simili wara ikun qed jigi stultifikat l-iskop tal-ligi li trid li eccezzjonijiet simili jigu kollha trattati w decizi qabel ma jibda l-guri proprju. Hu minnu wkoll li l-bank tad-difiza tal-akkuzat kif kompost dak iz-zmien – differenti milli hu llum – ma sollevax din l-eccezzjoni, pero` skond il-proviso tal-Artikolu 449 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tista' tawtorizza li jinghataw dawk l-eccezzjonijiet ghal raguni li tkun inqalghet wara z-zmien li fih in-nota imsemmija fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 438 ghandha tigi prezentata fir-Registru tal-Qorti.**

**"Illi f'dan il-kaz, ghalhekk, in vista tal-fatt li sal-lum kien ghadu ma setax ikun maghruf b'certezza jekk il-kaz tax-xhud Domenic Bonnici kienx ser ikun ghadda ingudikat jew le, jidher li hu l-kaz li din il-Qorti**

**tawtorizza lill-bank tad-difiza li taghti din l-eccezzjoni anki f'dan l-istadju.**

**"Illi pero` anki kieku din il-Qorti kellha tilqa' l-oggezzjoni tad-difiza ghax-xiehda ta' Domenic Bonnici, kif kienet propensa li taghmel f'dan l-istadju, il-Qorti tirraviza problema ohra serja ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja f'dan il-kaz li tista' timpingi serjament fuq id-dritt ta' l-akkuzat ghal smiegh xieraq.**

**"Di fatti kien biss fi stadju avvanzat fis-seduta tal-bierah li din il-Qorti giet infurmata li l-kaz ta' Domenic Bonnici kien ghadu mhux deciz u dana wara li lahqu xehdu diversi xhieda f'dan il-guri, fosthom il-Kummissarju tal-Pulizija, is-sur John Rizzo, li xehed bid-dettal dwar il-'background' kollu tal-investigazzjoni tal-kaz inkluz l-involviment tax-xhud Domenic Bonnici u kif dan ammetta l-htija tieghu u anke implika lill-akkuzat bhala kompartecipi fir-reat, xiehda li kienet perfettament ammissibbli fuq l-assunzjoni li dan Bonnici kien xhud debitament indikat u imharrek biex jixhed mill-Prosekuzzjoni. Tant hu hekk li dak il-hin li kien qed jixhed il-Kummissarju Rizzo, il-Qorti spjegat lill-gurati il-portata ta' dik ix-xiehda u ta' dak li hu 'hearsay evidence' u li kien hemm il-htiega li dak li kien qed jixhed ix-xhud ried eventwalment jigi konfermat mill-istess Domenic Bonnici meta eventwalment jittella' jixhed aktar tard fil-guri, pero` li dak li kien qed ighid ix-xhud seta' iservi biex jigi kontrollat Domenic Bonnici fix-xhieda tieghu, spjega li din il-Qorti taghmel regolarment lill-gurati f'kuntest simili f'kull guri.**

**"Issa, pero`, in vista ta' dan l-izvilupp imprevvist u cioe` li Domenic Bonnici ma jistax jixhed f'dawn il-proceduri sakemm il-kaz tieghu jghaddi in gudikat, ser ikun hemm il-perikolu lampanti u manifest, li ghalkemm dan ma jithalliex jixhed, il-gurati jistghu xorta wahda jibqghu influwenzati avversament bix-xiehda li gja lahqet inghatat minn xhud iehor dwar dak li kien qal u ghamel Bonnici fir-rigward tal-akkuzat**

**Vella u dan jista' ghalhekk johloq perikolu manifest ta' 'miscarriage of justice' fil-konfront tal-akkuzat, ghax b'dan jista' jigi pregudikat serjament id-dritt tieghu li jkollu smiegh xieraq.**

**"Illi ladarba issa l-affarijiet zviluppaw b'dan il-mod imprevvist, ma jidhirx la gust u lanqas prudenti li din il-Qorti thalli dan il-guri ikompli bl-istess gurati.**

**"Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed ixxolji l-guri u tiddifferixxi l-kawza 'sine die' biex tinstema' quddiem gurati differenti."**

Skond l-appellant Vella b'dak kollu li sar (ix-xoljiment) u b'dak li kien ghad irid isir (li l-guri jerga' jinstema' quddiem gurati ohra) kien gie u kien ser jigi lez id-dritt tieghu ta' smigh xieraq kif garantit bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-ragunijiet migjuba minn Vella fir-rikors promotur tieghu wiehed isibhom fis-segwenti erba' paragrafi tal-imsemmi rikors:

**"Illi l-esponent qed jirritjeni li d-decizjoni tal-Qorti Kriminali meta xoljiet il-guri tieghu fid-digriet tal-4 ta' Frar 2004, kienet wahda li tmur kontra d-dritt Kostituzzjonali ta' smiegh xieraq u dana peress illi max-xoljiment, l-esponent jista' jsib ruhhu f'sitwazzjoni fejn ix-xhud tal-prosekuzzjoni Domenic Bonnici jkun jista' jigi prodott bhala xhud tal-prosekuzzjoni u dana peress li jigi sorvolat l-impediment li jezisti ai termini tal-artikolu 636(a)(b). Illi jekk ikunx hemm jew le decizjoni finali fil-konfront ta' Bonnici certament ma hijiex xi haga li hija fil-kontroll tal-esponent.**

**"Illi inoltre jinghad ukoll li waqt il-process tieghu l-esponent sofra pregudizzju u dana peress illi sezzjonijiet tal-*media*, kemm tal-istampa kif ukoll il-viziv, ikkummentaw bi prominenza dwar dak li xehed il-Kummissarju Rizzo u dana anke meta wiehed iqis li l-guri tal-esponent ser jerga' jsir u issa ghandhom**

**jergghu jintaghzlu gurati godda li jkunu influwenzati b'dak li gie rappurtat.**

**"Illi ghalhekk l-uniku rimedju sabiex jigi garantit li jkun hemm smiegh xieraq kif jitlob l-Artkolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, huwa illi l-esponent meta jergghu jibdew il-proceduri tieghu (ie re-trial) jerga' jitpogga fl-istess stat li kien fih qabel, fis-sens illi x-xhud Domenic Bonnici ma jkunx producibbli bhala xhud.**

**"Illi tali sottomissjoni qed issir, peress illi l-esponenti huwa tal-fehma, li l-guri tieghu gie xolt, mhux biss biex ikun hemm garanzija li ma jinholoqx 'perikolu manifest ta' *miscarriage of justice* fil-konfront ta' l-akkuzat' izda sabiex filwaqt li l-guri ta' l-esponent ikun ghadu *sine die*, jistenna li jigi riappuntat, l-intimat Avukat Generali jilhaq jikkonkludi l-proceduri fil-konfront ta' Dominic Bonnici sabiex b'hekk wara dan ix-xhud ikun jista' jixhed liberament. Illi jekk dan isir id-dritt fundamentali ta' 'fair trial' jigi serjament pregudikat u dana peress li nkunu qeghdin nirrendu s-sistema proceduraili dipendenti fuq il-mod ta' meta u kif l-intimat Avukat Generali iqassam ix-xoghol tieghu u meta johrog l-atti ta' akkuza."**

Premess dan kollu, Vella talab zewg affarijiet lill-Prim Awla tal-Qorti Civili:

**"(1)…sabiex tiddikjara illi l-agir ta' l-intimati[1] fil-konfront tal-esponent jikkostitwixxi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta partikolarment l-art. 39 u d-disposizzjonijiet tal-Att Nru XIV tan-1987 dwar smiegh xieraq u dan peress illi l-guri fl-ismijiet 'Repubblika ta' Malta v. Brian Vella' ma kellu qatt jigi xolt, u (2) fit-tieni lok il-Qorti ghandha tordna li meta jerga' jigi**

---

[1] Din il-Qorti tifhem li hawn ir-rikorrent ried proprjament jirreferi, jew jirreferi wkoll, ghall-agir tal-Qorti Kriminali, ghax kienet dik il-Qorti, u mhux l-intimati, li ordnaw ix-xoljiment tal-guri.

**riappuntat il-guri tal-esponent, fi zmien xieraq u ragjonevoli, ix-xhud Domenic Bonnici jibqa' mhux producibbli bhala xhud u dana sabiex l-esponenti jibqa' fl-istess sitwazzjoni legali li kien jinsab fiha sa l-4 ta' Frar 2004, meta l-process tieghu gie *ex officio* xolt erroneament…"**

## Osservazzjonijiet preliminari

Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tirreferi ghas-sentenza tal-Prim Awla li minnha qed isir dana l-appell, ma tistax ma taghmilx zewg osservazzjonijiet. Jibda biex jinghad li l-allegazzjoni tar-rikorrent, illum appellant, li l-guri tieghu gie xolt ukoll biex il-prosekuzzjoni tinghata l-opportunita` li tkun tista' fi stadju iehor tipproduci lil Domenic Bonnici hija, fic-cirkostanzi, wahda gratuwita u, in kwantu timplika xi forma ta' motiv ulterjuri (u li ma jirrizultax mid-digriet moghti) da parti tal-Qorti Krminali jew tal-Onorevoli Imhallef li kien qed jippresjedi, tali kumment huwa altament deplorevoli u jirrazenta d-disprezz lejn l-awtorita` ta' dik il-Qorti. La quddiem il-Prim Awla u lanqas quddiem din il-Qorti ma ingabu xi provi li minimament jistghu imqar jissuggerixxu dak li qed jigi implikat. Fit-tieni lok, jigi osservat li Vella mhux qed jitlob li t-"tieni" guri tieghu ma jsirx – anzi qed jitlob li dana jigi appuntat "fi zmien xieraq u ragjonevoli", b'mod ghalhekk li din il-Qorti qajla tista' tifhem ir-referenza fil-premessi ghall-pregudizzju li huwa sofra jew li jista' talvota jsofri minhabba r-rappurtagg fil-*media* ta' dak li intqal fil-Qorti fil-kors tal-ewwel guri li gie xolt. Din il-premessa u t-tieni talba tar-rikorrent (illum appellant) jidhru kontradittorji – jekk il-*media* tant kellha influwenza li t-tieni guri ma jistax isir quddiem gurija gdida, ir-rimedju certament ma hux li t-tieni guri jsir u semplicement Bonnici ma jithalliex jixhed fih!

## Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti

B'sentenza moghtija, kif inghad fl-24 ta' Novembru 2004, l-ewwel Qorti, wara li lliberat lir-Registratur tal-Qorti mill-osservanza tal-gudizzju, u wara li astjeniet milli tiehu

konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni tal-intimati (li ma hix relevanti ghall-finijiet ta' dana l-appell), kompliet hekk:
"It-tielet eccezzjoni tal-intimati tghid li: "fil-mertu, l-allegazzjoni tar-rikorrent illi d-digriet tal-Onorabbli Qorti Kriminali tal-4 ta' Frar, 2004, kiser, qieghed jikser jew jista' jikser id-drittijiet tieghu ghal smiegh xieraq, hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt, u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra tieghu."

"Ghalhekk il-Qorti trid l-ewwel nett tevalwa dak li gara biex tara jekk hux veru kif jallega r-rikorrent "illi d-digriet tal-Onorabbli Qorti Kriminali tal-4 ta' Frar, 2004, kiser…. id-drittijiet tieghu ghal smiegh xieraq".

"Irrizulta li fil-kors tal-proceduri ntaghzlu l-gurati, saret ir-rikuzatorja tal-intimat Avukat Generali u bdew jinstemghu x-xhieda tal-prosekuzzjoni. Illi fost ix-xhieda li kienu gia taw id-depozizzjoni taghhom kien hemm l-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo, li incidentalment kien ukoll ufficjal investigattiv fil-kaz in dezamina. Illi waqt it-testimonjanza ta' dan ix-xhud l-istess xehed dwar verzjoni ta' allegati fatti kif gew rakkontanti lilu minn certu Domnic Bonnici li allegatament kien ko-awtur mar-rikorrent Brian Vella. Saret l-oggezzjoni mid-difiza minhabba r-regola tal-***detto del detto'.***

"In segwitu l-Qorti xoljiet il-guri u ddegretat: "Issa pero` in vista ta' dan l-izvilupp imprevist u cioe` li Domnic Bonnici ma jistax jixhed f'dawn il-proceduri sakemm il-kaz tieghu jghaddi in gudikat ser ikun hemm il-perikolu lampanti u manifest, li ghalkemm dan ma jithalliex jixhed, il-gurati jistghu xorta wahda jibqghu influenzati avversament bix-xhieda li gia lahqet inghatat minn xhud iehor dwar dak li kien qal u ghamel Bonnici fir-rigward tal-akkuzat Brian Vella u dan jista' ghalhekk johloq perikolu manifest ta' "miscarriage of justice" fil-konfront tal-akkuzat, ghax b'dan jista' jigi pregudikat serjament id-dritt tieghu li jkollu smiegh xieraq".

"Issa b'dan l-agir hu veru li kif jallega r-rikorrent tali decizjoni kienet wahda li tmur kontra d-dritt Kostituzjonali

ta' smiegh xieraq tieghu. Hawn wiehed irid jezamina mhux jekk bhala stat ta' fatt f'guri futur jixhidx jew le l-allegat ko-awtur u bil-konsegwenzi ta' dan, izda jekk b'dak li sar fil-fatt kienx hemm ksur tas-smiegh xieraq. Jinghad li r-rikorrent ma kellu ebda dritt kwezit li Domnic Bonnici ma jixhidx kontra tieghu u kien biss bhala rizultat tad-decizjoni li jigi appuntat guri qabel l-iehor ghar-ragunijiet indikati li r-rikorrent kien sejjer jiggwadanja minn dan il-fatt. Huwa veru li parti mid-deposizzjoni li ta l-intimat Kummissarju tal-Pulizija mhux suppost li inghatat izda l-gudikant li ppresjeda l-guri kien ferm prudenti u hares lejn d-drittijiet tal-imputat meta ghar-ragunijiet minnu moghtija xolja l-guri minhabba li seta' "ikun hemm il-perikolu lampanti u manifest, li ghalkemm dan ma jithalliex jixhed, il-gurati jistghu xorta wahda jibqghu influenzati avversament bix-xhieda li gia lahqet inghatat minn xhud iehor dwar dak li kien qal u ghamel Bonnici fir-rigward tal-akkuzat Brian Vella u dan jista' ghalhekk johloq periklu manifest ta' "miscarriage of justice" fil-konfront tal-akkuzat". Il-Qorti tahseb li seta' jkun hemm in-nuqqas tas-smiegh xieraq jekk ma sarx propju dak id-digriet u sewwa agixxa l-gudikant meta xolja l-guri f'dak l-istadju. Sfortunatament l-intimat Kummissarju tal-Pulizija kien lehaq xehed dak li jirrizulta mill-atti processwali izda l-ilment stess tar-rikorrent ghalkemm isemmi li intqal dak il-kliem jaghmel l-enfasi tieghu fit-talba tieghu "peress illi l-guri fl-ismijiet "Repubblika ta' Malta vs Brian Vella" ma kellu qatt jigi xolt". Ghalhekk il-Qorti ma ssibx li bix-xoljiment tal-guri inkisru d-drittijiet tar-rikorrent ghal smiegh xieraq u f' dan ir-rigward tilqa' t-tielet eccezzjoni.

"Fl-istess tielet eccezzjoni taghhom l-intimati cahdu l-allegazzjoni tar-rikorrent bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt li jista' jinkiser xi dritt tas-smiegh xieraq tar-rikorrent. Infatti r-rikorrent fit-talba tieghu finali ghandu zewg talbiet u cioe` wahda li bid-decizjoni dwar ix-xoljiment tal-guri inkiser is-smiegh xieraq tieghu u din giet trattata hawn fuq, u fit-tieni lok li l-Qorti ghandha tordna li meta jerga' jigi riappuntat il-guri tar-rikorrent ix-xhud Dominic Bonnici jibqa' mhux producibbli bhala xhud halli b' hekk ir-rikorrent jibqa' fl-istess sitwazzjoni legali li kien fiha fl-4 ta' Frar 2004. Hawnhekk il-Qorti jkollha bil-fors

tikkummenta li hi ma tista’ qatt tasal u ticcensura li ma kienx hemm smiegh xieraq fuq xi haga li trid issir fil-futur. Il-kwistjoni jekk Dominic Bonnici jixhedx jew le hija haga li certament m’ ghandhiex tkun haga li f’dan l-istadju tigi ezaminata minn din il-Qorti u dan propju ghax il-kwistjoni ghadha fil-verita` ma tezistix ghalkemm possibbli u fi kwalunkwe kaz certament li hu applikabbli dak li jsemmi l-proviso tas-sub-artikolu 2 tal-artikolu 46, ghax hija haga li ghandha titqajjem fil-Qorti Kriminali u semmai ir-rikorrent ikollu dritt ta’ appell minn tali decizjoni, izda li din il-Qorti m’ ghandhiex certament s’ issa tindahal fiha. Ghalhekk tilqa’ t-tielet eccezzjoni taht dan l-aspett ukoll.

“Stante li l-Qorti laqghet it-tielet eccezzjoni tal-intimati mhux il-kaz aktar li tezamina l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati. Tichad it-talba tar-rikorrent.”

**<u>L-appell ta’ Vella</u>**

Vella qed jitlob ir-revoka, mhux ir-riforma, tas-sentenza appellata, inkluza allura anke f’dik il-parti fejn ir-Registratur tal-Qorti gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju, izda proprjament huwa ma ghandu ebda aggravju fir-rigward ta’ tali liberazzjoni *ab observantia*. L-aggravji ta’ l-appellant – li huma, kif ser naraw, essenzjalment aggravju wiehed – huma mfissra hekk:

1. Fl-ewwel lok l-appellant jirreferi ghal dik il-parti tas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti li tghid hekk: *“Issa b’dan l-agir hu veru li kif jallega r-rikorrent tali decizjoni kienet wahda li tmur kontra d-dritt kostituzzjonali ta’ smiegh xieraq tieghu.”*, u jghid li ghalkemm l-ewwel Qorti “donna tat x’tifhem” li minhabba l-fatt li l-Kummissarju tal-Pulizija thalla jixhed u jghid dak li kien qal Bonnici kien hemm nuqqas ta’ smiegh xieraq, dan in-nuqqas seta jigi rimedjat mill-Qorti Kriminali fl-indirizz lill-gurati b’direttiva cara li ma jaghtux kaz ta’ dak li kien “hearsay”, u li ghalhekk il-guri ma kellux jigi xolt; skond l-appellant huwa kellu d-dritt li l-guri (l-ewwel wiehed) jibqa’ jinstema’ minghajr ix-xiehda ta’ Bonnici.

2. Ighid li kien "miscarriage of justice" il-fatt stess li flok ma l-Qorti Kriminali indirizzat lill-gurati biex jinjoraw dak li kien qal Rizzo u li kien jammonta ghal "hearsay", ghazlet minflok li twaqqaf il-guri u xxoljieh.

3. Galadarba kien hemm "ksur lampanti tad-dritt ta' smiegh xieraq tar-rikorrent meta gie xolt il-guri" issa "l-uniku rimedju li r-rikorrent jista' jkollu huwa dak li jkollu d-dritt ta' tgawdija tac-cirkostanzi kif kienu fil-gurnata tal-guri tat-2 ta' Frar 2004 jigifieri jibqa' fl-istess sitwazzjoni legali li kien fiha sal-gurnata ta' meta l-Qorti Kriminali xoljiet il-guri meta Domenic Bonnici ma setax ikun dak in-nhar xhud producibbli skond il-ligi".

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Huwa evidenti minn dak kollu premess sa issa, li l-lanjanza vera tal-appellant Vella hija ppernjata fuq il-fatt li filwaqt li fl-"ewwel" guri, li kien beda u gie xolt jumejn wara, Bonnici ma kienx producibbli bhala xhud, dan issa ser ikun producibbli fit-"tieni" guri.

Issa, din il-Qorti, bhala Qorti Kostituzzjonali, ma hix imsejha biex tiddeciedi jekk id-decizjoni tal-Qorti Kriminali li xxolji l-guri fl-4 ta' Frar 2004 kienetx wahda korretta o meno fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Kodici Kriminali. Dak li din il-Qorti trid tara (u bhalha wkoll, il-Prim Awla kellha tara) hu jekk b'dik id-decizjoni, sia jekk tajba u sia jekk hazina fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Kodici Kriminali, illedietx id-dritt ta' Vella ghal "smigh xieraq" ("fair hearing" fit-test ingliz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni), u jekk hekk illediet, ir-rimedju ghandux ikun dak li, fil-guri li ghad irid jigi celebrat, ma jixhedx Bonnici; u fit-tieni lok irid jigi deciz jekk, indipendentement minn dak li sar fl-"ewwel" guri, il-fatt li fit-"tieni" guri x'aktarx li ser ikun jista' jixhed l-imsemmi Bonnici, dan fih innifsu hux ser jammonta, jew x'aktarx jammonta, ghal ksur tal-imsemmi dritt fondamentali.

Kif gie ritenut mill-Qorti ta’ Strasbourg fis-sentenza tas-16 ta’ Frar 2000 fil-kawza **Rowe and Davis v. United Kingdom** [2]

**“It is a fundamental aspect of the right to a fair trial that criminal proceedings, including the elements of such proceedings which relate to procedure, should be adversarial and that there should be equality of arms between the prosecution and defence. The right to an adversarial trial means, in a criminal case, that both prosecution and defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and the evidence adduced by the other party (see the Brandstetter v. Austria judgment of 28 August 1991, Series A no. 211, pp. 27-28, §§ 66-67). In addition Article 6 § 1 requires, as indeed does English law (see paragraph 34 above), that the prosecution authorities disclose to the defence all material evidence in their possession for or against the accused (see the Edwards judgment cited above, p. 35, § 36).”** (para. 60)[3]

Aktar recentement, fil-kaz ta’ **Kress v. France** [4], deciz fis-7 ta’ Gunju 2001, dik il-Qorti qalet hekk:

**“The Court reiterates that the principle of equality of arms – one of the elements of the broader concept of a fair trial – requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage *vis-à-vis* his opponent…the concept of a fair trial also means in principle the opportunity for the parties to a trial to have knowledge of and comment on all evidence adduced or observations filed, even by an independent member of the national legal service, with a view to influencing the court’s decision…”** (paras. 72, 74).

---

[2] Ara [2000] Crim LR 584

[3] Ara wkoll **P.G. and J.H. v. United Kingdom** 25 ta’ Dicembru 2001, paragrafu 67.

[4] Dan kien kaz li jirrigwarda proceduri quddiem qorti amministrattiva, pero` l-principju enuncjat huwa validu ghall-kazijiet kollha.

Kwantu, imbaghad, ghall-kwistjoni tal-ammissibilita` o meno ta' provi – dejjem fil-kuntest tal-htiega ta' "smigh xieraq" – fil-kaz **Luca` v. Italy**, deciz fis-27 ta' Frar 2001, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem esprimiet ruhha hekk:

**"The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task under the Convention [5] is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which the evidence was taken were fair…The evidence must normally be produced at a public hearing, in the presence of the accused, with a view to adversarial argument. There are exceptions to this principle, but they must not infringe the rights of the defence. As a general rule paragraphs 1 and 3(d) of Article 6 require that the defendant be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either when he makes his statement or at a later stage…"** (paras. 38-39).

Fl-istess sens esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fis-sentenza taghha tat-2 ta' Jannar 2002 fil-kawza fl-ismijiet **G.B. v. France** (ara l-paragrafi 58 u 59 ta' din is-sentenza).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in dizamina, din il-Qorti difficilment tista' tifhem kif l-appellant qed jippretendi li gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq. Ix-xoljiment tal-guri fl-4 ta' Frar 2004 kien kjarament motivat mill-preokkupazzjoni tal-Qorti Kriminali li, galadarba l-Kummissarju tal-Pulizija kien xehed estensivament dwar dak li kien qal Bonnici (u dan, sa dak il-hin, biss bhala

[5] U similment ir-rwol ta' din il-Qorti taht il-Kap. 319 u taht l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.

“background” ghal-kaz), il-fatt li gie rilevat (mid-difiza) li Bonnici sa dak l-istadju ma setax jixhed, kien hemm il-perikolu li, minkejja kull direttiva li l-Onorevoli Imhallef li kien qed jippresjedi seta’ jaghti lill-gurati fl-indirizz tieghu, l-istess gurati jibqghu influwenzati b’dak li neccessarjament kienet xiehda fuq kliem haddiehor (*hearsay*) tal-imsemmi Kummissarju. Ix-xoljiment tal-guri – rimedju pjuttost straordinarju – fih innifsu bl-ebda mod ma cahhad lill-akkuzat Vella f’dak l-“ewwel” guri milli jkollu smigh xieraq. Ix-xoljiment semplicement waqqaf dawk il-proceduri fi stadju partikolari ghax (1) sa dak l-istadju Bonnici ma setax jixhed u, per konsegwenza (2) id-deposizzjoni tal-Kummissarju setghet tizvija lill-gurati. Vella ma jistax jippretendi li ma kienx jaf b’Bonnici bhala xhud tal-prosekuzzjoni. In fatti fil-kors ta’ l-istruttorja kontra r-rikorrent Vella, il-prosekuzzjoni kienet ezebiet l-istqarrija ta’ Bonnici (fol. 111) kif ukoll id-deposizzjoni li Bonnici kien ta fil-kors ta’ l-inkjesta dwar l-*in genere* (fol. 116). Bonnici gie wkoll prodott bhala xhud tal-prosekuzzjoni f’dik l-istruttorja (u allura fil-kontradittorju) (fol. 202) fejn xehed estensivament, u l-Avukat Generali, fil-lista tax-xhieda annessa ma’ l-Att ta’ Akkuza, kien indika lill-istess Bonnici (fol. 1020) bhala xhud li kien bi hsiebu jipproduci. F’ebda stadju qabel it-2 ta’ Frar 2004 ma tqajmet xi eccezzjoni mill-akkuzat Vella dwar l-ammissibilita` ta’ dana Bonnici. L-oggezzjoni ta’ Vella – oggezzjoni perfettament legittima – minnu mqajma fl-udjenza tat-3 ta’ Frar 2004 kienet imsejsa fuq il-fatt li sa dak l-istadju Vella ma setax jixhed kontrih peress li kien ghad hemm proceduri penali pendenti fil-konfront ta’ l-istess Bonnici (b’mod ghalhekk li, skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali, ix-xhud ma jkun ammissibbli minhabba l-perikolu li ma jixhedx il-verita` jew il-verita` kollha biex jipprova jigwadanja xi haga f’dawk il-proceduri pendenti). Fi kliem iehor u fil-fehma ta’ din il-Qorti, anke li kieku ma kienx hemm il-problema tad-deposizzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, kif appena gie senjalat dana l-ostakolu fil-konfront ta’ Bonnici – ostakolu li messu gie senjalat fl-ewwel lok mill-istess prosekuzzjoni – il-Qorti Kriminali kienet tkun perfettament in regola li f’dak l-istadju, u

b'applikazzjoni tal-Artikolu 436(3)(c)[6] tal-Kodici Kriminali, ixxolji l-guri biex Bonnici jkun jista' jixhed darb'ohra. Kif tajjeb irrimarkat il-Prim Awla fis-sentenza taghha, Vella ma kellu u ma ghandu ebda dritt kwezit li Bonnici ma jixhedx bhala xhud tal-prosekuzzjoni – Bonnici ma kienx producibbli bhala tali biss f'dak l-istadju li l-prosekuzzjoni kienet ser ittellghu. Ghalhekk mhux biss fih innifsu izda anke fil-konsegwenzi tieghu ma jistax jinghad li x-xoljiment tal-guri cahhad lill-akkuzat milli jkollu smigh xieraq.

Kwantu ghall-guri li ghad irid jigi celebrat, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, wiehed ma jistax ighid aprioristikament li Vella mhux ser ikollu smigh xieraq. Certament pero` il-fatt wahdu li f'dak il-guri x'aktarx ser ikun jista' jixhed Bonnici ma jaghtix lok ghal xi lment ta' nuqqas ta' smigh xieraq – Vella presumibbilment ser ikollu l-mezzi kollha a disposizzjoni tieghu *in an adversarial system* biex jikkontrolla u jirribatti kwalsiasi haga li Bonnici jista' jghid fil-konfront tieghu. Ir-regola tal-*equality of arms* kienet applikata fil-guri li gie xolt u ma hemm xejn sa issa x'jindika li mhux ser tigi applikata fil-guri li jmiss.

Fl-ahharnett din il-Qorti jidhrilha li hu doveruz li tirrimarka dwar dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti li giet kwotata mill-appellant fir-rikors tieghu, u cioe`: *"Issa b'dan l-agir hu veru li kif jallega r-rikorrent tali decizjoni kienet wahda li tmur kontra d-dritt Kostituzzjonali ta' smiegh xieraq tieghu."* Jekk b'dawn il-kliem l-ewwel Qorti kienet qed tghid li l-fatt li l-Kummissarju thalla jixhed fuq kliem haddiehor kien jammonta ghall-lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq, l-ewwel Qorti certament ma kienitx korretta (u l-istess kliem ma jaghmlux sens fil-kuntest tal-kumplament tas-sentenza), ghax, kif inhu risaput, biex wiehed jara jekk kienx hemm smigh xieraq o meno, wiehed irid jara l-proceduri fit-totalita` taghhom, u mhux aspett wiehed bhalma hu li jkun gie ammess (anke jekk forsi zbaljatament) *hearsay evidence.* Din il-Qorti, izda, hi tal-fehma li hawn si tratta verament ta' punteggjatura hazina

[6] Art. 436(3)(c): *"Imiss ukoll lill-qorti…li taghmel, f'dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mil-ligi taht piena ta' nullita`, kull ma jidhrilha, fid-dskrezzjoni taghha, li hu mehtieg ghat-tikxif tal-verita`".*

(jew non ezistenti). Infatti jekk dan il-bran jinqara hekk: *"Issa b'dan l-agir hu veru li, kif jallega r-rikorrent, tali decizjoni kienet wahda li tmur kontra d-dritt Kostituzzjonali ta' smigh xieraq tieghu?"* allura l-istess bran jaghmel sens perfett fil-kuntest tal-kumplament tas-sentenza.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati kollha mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------